# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 998/97

Kevin Mahoney

vs

Onor. Prim Ministru u Avukat Generali

Illum 25 ta' Ottubru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1989 huwa sofra ingustizzja f'li nghata bosta trasferimenti.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent dahal l-Universita' fl-1981 u iggradwa fl-1985 fil-BA Public Administration. Ir-rikorrent gie assenjat fl-Ufficcju

Elettorali taht is-supervizjoni tal-Kap tad-Dipartiment is-Sur John Buhagiar tul il-work phases matul il-kors ta' Frar 1986, u mill-ewwel assuma r-responsabbilitajiet ta' Assistent Kap tad-Dipartiment u Assistent Segretarju tal-Kummissjoni Elettorali. Peress illi kienet riesqa l-Elezzjoni Generali, ir-rikorrent hadem sieghat twal ta' xoghol minghajr hlas. Tul dan il-perjodu ir-rikorrent kien responsabbli mit-tfassil tal-konfini elettorali, il-preparazzjoni tar-registru elettorali u tad-dokumenti tal-votazzjoni kif ukoll is-supervizzjoni amministrattiva tax-xogholijiet waqt l-ghadd tal-voti ta' l-elezzjoni generali f'Hal far. Tul il-perjodu illi r-rikorrent ghamel mal-Kummissjoni Elettorali, huwa kien ukoll responsabbli mill-organizazzjoni ghat-tigdid tal-karti ta' l-identita, kif ukoll ghall-bosta elezzjonijiet ghall-bosta diretturi haddiema fi hdan il-Korporazzjonijiet u Kumpanijiet tal-Gvern.

Wara Mejju ta' l-1987 bdew isiru bosta tentattivi biex ir-rikorrent jigi trasferit mill-Ufficcju Elettorali u ghaldaqstant, beda jinghata hafna izjed xoghol u responsabilitajiet is-Sur George Saliba ufficjal Aministrattiv iehor fl-Ufficju Elettorali, u ngieb Ufficjal Amministrattiv gdid is-Sur Salvino Lombardi.

F'Gunju ta' l-1989 ic-Chief Electoral Commissioner, is-Sur E.C. Farrugia informa lir-rikorrent illi l-istess rikorrent kien gie trasferit ghall-Inland Revenue. Ir-rikorrent qatt ma nghata raguni ghal dan it-trasferiment.

Sitt gimghat wara dan it-trasferiment, ir-rikorrent gie trasferit ghad-Dipartiment tan-Nutar tal-Gvern.

Minhabba dawn l-ingustizzji ir-rikorrent sofra u ghadu jsofri danni finanzjarji minhabba l-fatt illi huwa gie moghti trasferiment ghall-dipartimenti ohra li sussegwentement isarfu f'telf ta' eluf ta' liri f'overtime u allowances.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil  dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 u dana taht kull provediment xieraq u opportun.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' l-intimati li eccepew:

Illi l-Prim Ministru u l-Avukat Generali mhumiex il-legittimi kontraditturi billi huma mhumiex responsabbli ghat-trasferimenti ta' impjegati tal-gvern.

Illi d-Direttur General tal-Management and Personnel Office fl-Ufficju tal-Prim Ministru ghandu xi jghid is-segwenti:

1. Illi minn dokumenti li jezistu fil-Management and Personnel Office jirrizulta illi r-rikorrent kien beda jahdem mal-gvern bhala Administrative Officer fl-Ufficju Elettorali fl-10 ta' Frar 1986.

2. Illi mhuwiex korrett li r-rikorrent inghata bosta trasferimenti fl-1989. Fil-fatt hu kien gie trasferit ufficjalment mill-Ufficcju Elettorali ghad-Dipartiment tan-Nutar tal-Gvern b'sehh mill-4 ta' Awissu 1989. Kien hemm perijodu qasir precizament mis-26 ta' Gunju 1989 sal-11 ta' Awissu 1989 fejn hu attenda ghad-doveri tieghu fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Ma kien hemm l-ebda trasferiment iehor qabel l-1994 meta r-rikorrent gie mahtur Assistent Registratur fil-Qorti.

3. Illi kull trasferiment li jsir ta' mpjegati minn dipartiment ghal iehor inkluz dak tar-rikorrent isir skond l-esigenzi tas-servizz kif ukoll minhabba l-principju tal-mobilita' ta' l-impjegati pubblici. Fil-fatt fl-ittra tal-hatra tieghu, kull impjegat huwa mgharraf li huwa suggett li jigi trasferit skond l-esigenzi tas-servizz. L-ittra tal-hatra ta' Administrative Officer tar-rikorrent mhix eccezzjoni ghal din ir-regola.

4. Illi l-fatt li r-rikorrent seta tilef xi overtime u beneficcji ohra meta gie trasferit mill-Ufficju Elettorali ma jikkostitwixxi l-ebda ngustizzja ghaliex wiehed m'ghandu l-ebda dritt jippretendi illi ghax ikun f'dipartiment fejn hemm l-overtime u beneficcji ohra, m'ghandux jigi trasferit ghal xi dipartiment fejn ma jkunx hemm l-istess beneficcji.

5. Ghaldaqstant l-intimati talbu li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ikkonferma bil-gurament l-ezattezza tal-fatti ndikati fir-rikors. Hu pprezenta affidavit fejn semma li ghamel hames snin dan jahdem bhala student haddiem fl-Ufficcju Elettorali u fir-raba' sena is-Sur John Buhagiar, li kien l-Assistant Head tad-Dipartiment beda jghaddilu xi xoghol u jghallmu l-proceduri bit-tir li jassumi r-responsabbilta' ta' l-ufficcju kif ukoll ix-xoghol ta' Segretarju mal-Kummissjoni Elettorali peress li kien qed jahseb biex jitlaq mid-Dipartiment. Gie appuntat Ufficcjal Amministrattiv fl-Ufficcju Elettorali b'sehh mill-10 ta' Frar 1986 wara li temm b'success il-kors Universitarju. Assuma ir-responsabbilta' ta' Kap ta' l-Ufficju Elettorali wara li gie trasferit is-Sur Buhagiar ghas-Central Supplies. Kien ukoll Assistent Segretarju tal-Kummissjoni Elettorali.

L-Ufficju Elettorali kien mizghud bix-xoghol u hafna minnu kellu jsir wara l-hin, Sibtijiet, Hdud u festi pubblici inkluzi. Ta' dan ir-rikorrent ma kienx jithallas peress li dak iz-zmien Ufficjali Amministrattivi ma kienux jithallxu ta' l-overtime. Barra mill-Elezzjoni Generali dan l-ufficju kien ukoll inkarigat mill-elezzjonijiet ta' Direttur Haddiem fit-Telemalta, Enemalta, Malta Drydocks, Malta Shipbuilding, AirMalta, Elezzjonijiet tal-Kunsilli Skolastici, u aktar tard elezzjonijiet ghall-Kunsilli Lokali. L-ufficcju kien ghadu responsabbli mit-tigdid tal-karti ta' l-identita' ma' Malta kollha kif ukoll id-door re-numbering f'bosta bliet. Dan kollu jsir bi hlas addizzjonali ghall-impjegati ta' l-Ufficcju Elettorali.

L-Elezzjoni Generali ta' l-1987 intrebhet mill-Partit Nazzjonalista bil-voti izda l-Partit Laburista, kien gab maggoranza ta' siggijiet u dan a bazi tal-konfini kif abbozzati mir-rikorrent kif mitlub minn xi membri tal-Kummissjoni. Sostna li dan wassal biex hu gie ittimbrat li assista f'dak li kieku ma kienx hemm l-emenda kostituzzjonali dwar il-maggoranza ta' voti kien meqjus bhala "gerrymandering", haga li cahad kategorikament.

Wara l-elezzjoni baqa' jaqdi d-doveri tieghu bl-istess hegga u baqa' is-Segretarju tal-Kummissjoni. F'Gunju 1989, is-Sur E.C. Farrugia Chief Electoral Commissioner infurmah li kien gie trasferit ghall-Inland Revenue u dan sar permezz ta' telefonata. Meta indaga ma' ufficjali gholja f'Kastilja biex isir jaf minn fejn harget din l-ordni, indikawlu illi kellu jkellem lis-Sur John Camilleri li kien is-

Segretarju Privat tal-Prim Ministru l-Onor. Dr. Fenech Adami. Izda dan ma riedx ikellmu.

Gie ittrasferit ghall-Inland Revenue u l-ewwel jumejn gie mholli fir-Registry ma jaghmel xejn. Fit-tielet gurnata gie inkarigat jaghmel tax assessments ta' impjegati u kien jaqsam mejda ma' student haddiem John Cachia Fearne. Jidher li ma kienx hemm bzonnu lanqas ghax wara sitt gimghat reggha gie trasferit din id-darba fl-Ufficju tan-Nutar tal-gvern, fejn hu b'Degree fl-Amministrazzjoni Pubbliku u b'esperjenza li jmexxi elezzjoni generali f'Dipartiment b'aktar minn mitt ruh jahdmu fih "round the clock" spicca f'post ta' 24 ruh kollox.

Ta' min jinnota li l-perjodu ta' sitt gimghat fl-Inland Revenue, l-anqas biss gie registrat fit-transfer list izda gie mnizzel biss bhala li mill-Ufficju Elettorali mar fl-Ufficcju tan-Nutar tal-Gvern. Il-kap tieghu s-Sur Farrugia kellu kliem ta' tifhir fuq l-output tieghu (Ara Dok I). Anke l-istess Kummissjonarji kollha irrikonoxxew ix-xoghol siewi tieghu u l-preokkupazzjoni taghhom ghat-transfer tieghi (ara Dok J).

Ma kienx kaz li l-Inland Revenue riedu n-nies ghax lanqas biss kienu jafu fejn se jqeghduh fl-ewwel jumejn u barra minn hekk gie ittrasferit wara biss sitt gimghat hemmhekk. Lanqas mejda ma kien hemm ghalih.

Iddikjara li tilef eluf ta' liri f'overtime u allowances li nghataw impjegati fl-Ufficcju Elettorali sempliciment ghax xi hadd ghogbu

jnehhih minhabba l-involviment tieghu fit-tfassil tal-konfini. Iddikjara illi bhala medja sena normali kienet tirrendi bejn Lm500 u Lm600 fis-sena f'overtime filwaqt li f'sena ta' l-elezzjoni din il-figura kienet facilment titla ghal Lm1500.

In kontro ezami ir-rikorrent qal li kien dahal Electoral Office meta kien ghadu student haddiem. Stqarr li mhux hu talab li jigi trasferit mill-Income Tax. Qatt ma ghamel request biex jigi trasferit. Fl-1991 minn administrative officer lehaq principal pero` dak kien kawza tar-riforma u mhux ta` xi promozzjoni specifika. Fl-1994 kien ha promozzjoni ghall-Qorti fil-grad ta` Assistant Registrar taht Gvern Nazzjonalista. Bhala average mill-1989 sal-1995 ikkalkula li tilef Lm5000, barra l-appointments li elenka qabel.

Emanuel C. Farrugia xehed li kien lehaq Principal Electoral Commissioner fl-1986 u dam sa xi l-1989, xehed li jiftakar lir-rikorrent bhala Administrative Officer. Dak iz-zmien segretarju kellhom lis-Sur John Buhagiar pero` hu kien hass li jkun utli li jittrenjaw ukoll lil haddiehor halli eventwalment ikun jista` jiehu post is-Sur Buhagiar specjalment mhux ghall-elezzjoni li kien imiss izda ghal ta` warajha u ghalhekk iddecida li r-rikorrent jigi moghti training specifiku appuntu ghal dik il-kariga – billi wiehed jiehu l-minuti tal-Kummissjoni u li jkun hemm l-implimentazzjoni ta` dawn id-decizjonijiet. Dan kien jimporta xoghol ta` natura serja hafna.

Ghalkemm ma kienx membru tal-Kummissjoni Elettorali xorta wahda kien jidhol ghal meetings tal-Kummissjoni minhabba f'hekk u ghalhekk kien jaghmel prattikament ix-xoghol tas-Segretarju.

Semma li meta lehaq hu kellhom hafna xoghol b` lura, specjalment ghax kienet ilha ma tiltaqa`, fosthom kien hemm il-problema tal-konfini, il-kwistjoni ta` tliet vacancies fil-Parlament li anqas kienu gew mimlijin minhaba l-fatt li ma kienx hemm Kummissjoni. Kellhom jaghmlu r-registru elettorali u jirreveduh bil-computer, kif ukoll l-kwistjoni tal-I.D. Cards.  Zied li r-rikrorent kien invlout mieghu u mas-Sur Buhagiar biex jigu implimentati d-decizjonijiet tal-Kummissjoni u bil-fors kien ikollu jattendi ghall-meetings.

Xehed li matul dan iz-zmien kien isib lis-Sur Mahoney entuzjasta hafna dejjem biex jitghallem. Ir-rapport tal-elezzjoni fil-fatt kien gie preparat in extenso propju mir-rikorrent u infatti hu kien biss ghamel xi finishing touches fuqu.

Semma li hu ma kellu b` ebda mod x` naqsam mat-trasferiment tas-Sur Mahoney mill-Ufficcju Elettorali pero` kien sorpriz hafna li fil-fatt gie trasferit.  It-transfer tieghu ghall-Agrikoltura li kien speci ta` promotion kif ukol ta` Kevin Mahoney kienu saru kwazi fl-istess gurnata.  Malli sar jaf bit-trasferimenti tieghu u tas-Sur Mahoney kien ghajjatt laqgha tal-Kummissjoni Elettorali u qallhom li l-ideja tieghu li hass li kien hemm waste kbira f` illi jigi trasferit is-Sur Mahoney li kien jaf tant is-suggett.  Qatt ma ghaddietlu biss minn rasu dwar il-possibilta` li s-Sur Mahoney jerga` jigi trasferit ghal xi dipartiment iehor minhabba l-esperjenza kbira li kien

akkwista. La hu bhala Principal Electoral Commissioner u anqas il-Kummissjoni ma kienet talbet li s-Sur Mahoney jigi trasferit. Il-Kummissjoni Elettorali ghandha x` taqsam mad-dipartiment propju tal-Prim Ministru. Il-kummissarji l-ohrajn kienu kollha sorprizi bil-fatt tat-trasferiment. Ikkonferma l-ittra a fol 30 tal-process li biha il-Kummissjoni Elettorali kitbet lill-Prim Ministru u esprimit il-preokkupazzjoni taghha bit-transfer "li nghata lis-Segretarju li hu bniedem li akkwista snin ta' esperjenza fix-xoghol tal-Kummissjoni u liema esperjenza l-Kummissjoni ghandha bzonn tuzaha fix-xhur li gejjin" liema ittra giet iffirmata mic-Chairman u tmien membri.

Dwar il-boundaries xehed li hija l-Kummissjoni li hija responsabbli ghal dawk l-affarijiet.

John Buhagiar xehed li bejn l-1969 u l-1987 kien jahdem mal-Gvern dejjem fl-Ufficcju Elettorali. Lir-rikorrent jafu l-ewwel zmenijiet ghall-habta tal-1970` s meta kien maghhom bhala student. In segwitu kien ghamel degree fl-universita`. Jaf ukoll li meta telaq fl-1987 is-Sur Mahoney kien ghadu jahdem hemmhekk. Zied li l-minuti tal-Kummissjoni kien jaghmilhom ir-rikorrent, naturalment plus xoghol iehor li kien jinqala`. L-implimentazzjoni tad-decizjonijiet kienet tittiehed in parti minni, in parti minnu wahdu u in parti anke flimkien.

Ghall-elezzjoni tal-1987 kien hemm tibdil fil-konfini elettorali. Il-kummissjonarji stess kienu gabu proposti dwar il-konfini. Saru diskussjonijiet dwarhom waqt il-laqghat tal-kummissjoni stess.

Kien hemm okkazjonijiet meta effettivament fuq il-konfini elettorali anke marru huma stess biex jarawhom. Gieli marru huma stess u gieli mar ir-rikorrent.

Fix-xoghol tieghu hu kien dejjem attent hafna u x-xoghol kien jaghmlu tajjeb hafna. “Ghandi nghid li fis-snin li ma kienu tal-elezzjoni l-overtime kien jitla` wkoll b` mod sostanzjali. Is-Sur Mahoney kien jithallas ta` overtime. Kien ikun hemm l-elezzjonijiet tad-Drydocks Corporation li konna naghmluhom ahna.”

James Catania Principal fl-MPO ikkonferma l-kontenut tar-risposta ta’ l-Onorevoli Prim Ministru u ta’ l-Avukat Generali. B’ riferenza ghal dak li hemm imnizzel fl-ewwel sentenza tal-paragrafu tlieta dwar l-esigenzi tas-servizz xehed li natruralment dana kien qieghed jibbazah fuq il-fatt li kull appointment hawn Malta johrog taht dawk it-terms of reference.

Dwar it-transfer tar-rikorrent u minhabba l-ezigenzi tas-servizz ma ntbaghat hadd minnflok ir-rikorrent. Stqarr li ma setghax jixhed dwar jekk kienx hemm ezigenza tas-servizz jew le biex is-Sur Mahoney jigi trasferit. Cahad li s-Sur Lombardo intbaghat ftit qabel biex jaghmel ix-xoghol tieghu ghax dan kien intbaghat biex jaghmel xoghol iehor fl-istess ufficcju u specifikament xoghol amministrattiv mhux l-istess xoghol kif kien jaghmel is-Sur Mahoney.

Ir-rikorrent ipprezenta prospett a fol 54 bl-ammont ta' LM7135 li minnu jirrizulta li bejn 1989 u 1995 hu allega li tilef minhabba t-transfer, apparti dhul iehor ta' LM1070.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Ghalhekk ir-rikorrenti wara snin jahdem fl-Ufficcju Elettorali u mal-Kummissjoni Elettorali gie trasferit. Ta' min isemmi li kien kunsidrat efficjenti hafna mis-superjuri tieghu. Anqas issemma li xoghol li kien jaghmel hu fl-Ufficcju Elettorali kien b' xi mod abolit, anzi baqghu jaghmluh impjegati ohra. Gie trasferit ghall-Inland Revenue Department li ghall-ewwel anqas kellhom xoghol x' jassenjawlu. Ma nghatax raguni ghat-transfer. Dan id-dipartiment ma kienx talab ghas-servizzi tieghu tant illi sitt gimghat wara rega' gie trasferit ghall-Ufficcju tan-Nutar Tal-Gvern. Dana jwassal li t-transfer ma kienx motivat mill-esigenzi tas-servizz.

Fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li

transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu “above board”. (Ara wkoll Francis Portelli vs Direttur tax-Xogholijiet rikors numru 26/97, Saviour Fenech vs Direttur Xogholijiet Pubblici rikors numru 73/97 u Mario Farrugia kontra Dipartiment tas-Sahha rikors numru 11/97).

Ta’ min josserva li mit-transfer list ufficjali tal-Ufficcju tal-Prim Ministru numru 8/89 anqas biss gie indikat it-transfer tar-rikorrent ghad-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

Minhabba t-transfer tieghu mill-Ufficcju Elettorali r-rikorrenti tilef flus ghal madwar xi tmint elef lira (LM8000).
L-intimat issolleva fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu li overtime u beneficcji ohra ma jaqghux taht l-Artikolu 6 tal-Att VIII tal-1997. Hu veru li dawn ma jissemmewx specifikament f’ din is-sezzjoni izda t-Tribunal dejjem interpreta li peress li trasferimenti msemmija fis-subartikoli (a) u (b) jidhlu fil-kompetenza tat-Tribunal ghalhekk il-beneficcji mitlufa kawza tat-trasferiment mhux gustifikat jidhlu wkoll fil-kompetenza tieghu.

Ghalhekk jirrizulta li l-intimat ma pprovax l-esigenzi tas-servizz bhala raguni valida ghat-trasferiment tar-rikorrent li bata telf ta’ flus kif imsemmi. Jinghad pero` li l-istess rikorrent fil-fatt ma ghamilx is-sieghat ta’ xoghol u ghalhekk ma kellux it-tbatija ta’ dawk is-sieghat ta’ xoghol u ghalhekk it-Tribunal ihoss li l-ammont ta’ tmint elef lira (LM8000) msemmi mir-rikorrent ghandu jigi modifikat.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li f' dan il-kaz il-kumpens irid ikun wiehed finanzjarju, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' erbat elef lira [LM4000].

Spejjez kontra l-intimat.